MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1719/2005

**DIX Limited**

**Vs**

**Deco Manufacturing Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Settembru 2005, fejn s-socjeta` attrici tablet illi tithallas is-somma ta' tmienja u erbghin Liri Maltin (Lm48) ghar-ragunijiet indikati u msemmija fl-istess Avviz, bl-ispejjes u bl-imghax;

Ra r-risposta pprezentata mis-socjeta` konvenuta fit-30 ta' Settembru 2005;

Ra x-xhieda ta' Elton Grech u Alan Grima moghtija fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2005 u kif ukoll ix-xhieda ta'

George Mifsud, Stephen Mifsud u Alan Grima tas-7 ta' Dicembru 2005, inkluz kull dokument minnhom esebit;

Il-kawza giet trattata fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2005 mill-abbli difensuri wara illi l-partijiet iddikjaraw illi ma kien fadlilhom ebda provi xi jressqu u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-llum.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-kawza titratta talba ghall-hlas tas-somma ta' tmienja u erbghin Liri Maltin
(Lm48) rapprezentanti prezz ta' USB pen jew kif gieli tissejjah, USB stick.

It-Tribunal jinnota divergenzi fil-verzjonijiet tal-partijiet u filwaqt per ezempju illi Elton Grech ighid illi t-tfal ta' George Mifsud fethulu l-ufficcju fejn huwa pogga l-USB pen u l-invoice relattiva[1], Stephen Mifsud, l-uniku tifel ta' l-istess George Mifsud (almenu li kif jirrizulta li jahdem mas-socjeta` konvenuta), ighid illi ic-cavetta meta l-papa tieghu ikun msiefer kienet tkun dejjem ghandu u jichad illi kienet tkun ghand haddiehor inkluz il-mara tieghu (ta' Stpehen Mifsud) u anzi ighid illi c-cwievet ikunu biss ghandu u ghand missieru.[2]

It-Tribunal jinnota ukoll divergenzi bejn il-verzjonijiet tal-partijiet in kwantu illi s-socjeta` attrici, jew ahjar rapprezentant taghha – Elton Grech - li dak iz-zmien mertu ta' l-allegat bejgh u konsenja lis-socjeta` konvenuta kien ukoll impjegat ta' l-istess socjeta` konvenuta, ighid illi l-USB pen kienet giet ordnata fuq parir tieghu stess filwaqt illi l-verzjoni tas-socjeta` konvenuta hija dik illi l-USB kienet giet ordnata fuq parir ta' konsulent gdid taghha.[3]

It-Tribunal jikkunsidra ukoll illi George Mifsud, in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta mhux jichad illi kien talab lill-istess Elton Grech illi jixtri u jikkonsenja USB pen, anke jekk gja jidher illi kien hemm xi dizgwid u

[1] Fol 11 – xhieda ta' Elton Grech (26.10.05)
[2] xhieda Stephen Mifsud (7.12.05)
[3] xhieda George Mifsud (7.12.05)

inkwiet fil-kumpanija. B'dana kollu jikkontendi illi din il-USB baqghet ma gietx ikkonsenjata u peress illi kellhom bzonnha, allura is-socjeta` konvenuta ghaddiet sabiex xtratha minn band'ohra.

It-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti, xhieda u dokumenti, ihoss illi l-verzjoni tas-socjeta` konvenuta hija aktar verosimili u jisthoqq illi tigi emmnuta, in kwantu kien hemm konsistenza tal-posizzjoni taghha anke ghaz-zmien qabel ma gew intavolati il-proceduri odjerni, kif espressi fl-ittra esebita DOK GM1.

Il-verzjoni tas-socjeta` attrici, minn naha l-ohra, ma hix sodisfacentament ippruvata u thalli hafna dubbji. Il-verzjoni taghha tista` tkun veru in kwantu illi saret l-ordni ghall-USB pen, izda ftit tista` titwemmen illi l-konsenja saret lis-socjeta` konvenuta. Il-fatti specie tal-kaz kif irrizulta ma jhallux dubbju lit-Tribunal illi s-socjeta` konvenuta baqghet qatt ma rceviet il-USB illi kienet hi ordnat u li sforz in-nuqqas ta' konsenja, kellha tirrikkori sabiex tixtri l-istess prodott minn band'ohra.

Finalment it-Tribunal ihoss illi ghandu jirrimarka, anke jekk dan mhux determinanti b'ebda mod fuq l-ezitu finali tal-kawza, illi din il-kawza hija probabbli biss frott ta' dizgwid illi nqala` bejn il-partijiet interessati fis-socjeta` konvenuta kif jirrizulta ukoll minn certu partijiet tax-xhieda prodotti.

## Konkluzjoni

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz x-xhieda u d-dokumenti prodotti u t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad it-talbiet maghmula mis-socjeta` attrici.

Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------